# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 549/2016PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Emilio Jose Mallea**
**(Passaport numru 226021264)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Novembru, elfejn u sittax (2016) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hames

ewros u sebgha u sebghin centezmi (€905.77) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici li gew prestati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40448063 bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors kontra l-konvenut ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-6 ta’ Marzu, 2017 u ghas-seduta tal-lum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-affidavit ta’ Charmaine Wiffen (a fol 6 tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ Maryanne Camilleri moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti imsemmija u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimat sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta’ attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici is-somma ta’ disa’ mija u hames ewros u sebgha u sebghin centezmi (€905.77) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici li gew prestati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq l-akkont numru AC40448063 bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**